MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 402/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Cauchi u**
**Michael Cauchi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b'att ta' citazzjoni (datata 4 ta' Awissu 2000) kontra Carmel Cauchi u Michael Cauchi talli fis-snin qabel l-4 ta' Awissu 2000 u qabel il-25 ta' Mejju 1999 (**1**) ghamlu zvilupp jew hallew li jsir zvilupp fuq art li taghha huma responsabbli, minghajr il-permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghal dak l-izvilupp konsistenti fi ftuh ta' barriera u qtiegh ta' gebel tal-franka fl-inhawi ta' Habel Lazz, limiti ta' Kercem, Ghawdex, kif ukoll ksur ta' l-ippjanar konsistenti filli ghandhom estensjoni ta' barriera u qed jitfghu materjal li jikkonsisti f'terrapien, u dan minghajr il-permess mehtieg, fil-post maghruf bhala Ta' Taht l-Ghadra, limiti ta' Kercem,

Ghawdex; barra minn hekk (**2**) talli fl-istess zminijiet naqsu li jobdu l-ordni ta’ avviz biex jieqfu nru ECF/463/98/ENMU/NENF datat 16 ta’ April 1998 sabiex iwaqqfu immedjatament l-imsemmi zvilupp u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur u jregghu lura s-sit ghall-istat originali; barra minn hekk (**3**) naqsu li jobdu l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Ottubru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Carmel Cauchi u Michael Cauchi hatja skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom u kkundannat lil kull wiehed minnhom ghall-hlas ta’ multa ta’ ghoxrin elf lira (Lm20,000) kif ukoll sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap. 9;

Rat it-talba ta’ l-imsemmija Carmel Cauchi u Michael Cauchi ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza, debitament maghmula u akkordata fil-31 ta’ Ottubru 2007; rat ir-rikors ta’ appell taghhom ta’ l-14 ta’ Novembru 2007 li permezz tieghu talbu r-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kemm ghal dak li hu sejbien ta’ htija kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta’ l-4 ta’ Jannar 2008; ikkunsidrat:

Din is-sentenza hi limitata ghall-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali – jew ahjar, mill-avukata li kienet qed tidher ghall-Avukat Generali, Dott. Lara Lanfranco – fl-udjenza imsemmija ta’ l-4 ta’ Jannar 2008. F’din l-udjenza giet sollevata l-pregudizzjali tan-nullita` tar-rikors ta’ appell ghar-raguni li “il-manjera kif il-fatti huma dikjarati jirraprezentaw ripetizzjoni ta’ l-akkuzi dedotti u mhux dikjarazzjoni ta’ fatti.” Il-partijiet inghataw il-fakolta` li jipprezentaw noti ta’ referenzi dwar din il-pregudizzjali.

In effetti l-Avukat Generali qed jeccepixxi n-nullita` tar-rikors ta’ appell a bazi ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 419(1)(a) tal-Kodici Krminali:

**“419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta’ nullita` --**
**(a) il-fatti fil-qosor;**
**(b) ir-ragunijiet ta’ l-appell;**
**(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.”**

Issa, fil-kaz in dizamina, ir-rikors ta’ appell, wara li jirriproduci l-imputazzjonijiet, jaghmel referenza ghas-sentenza appellata, u jghid li l-appellanti hassewhom aggravati b’dik is-sentenza u li kienu ghalhekk qed jinterponu appell minnha, ikompli hekk:

**“Illi l-fatti illi waslu ghal dan l-appell huma s-segwenti: L-ewwel akkuza dedotta kontra l-esponenti hija dik li huma ghamlu jew hallew li jsir zvilupp fuq ‘art li taghha huwa responsabbli’ minghajr permessi minghand l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u li ghamlu jew hallew li jsir ‘ksur ta’ l-ippjanar’ (sic) fl-istess art billi tefghu terrapien fiha. Illi ma hijiex dedotta kontra l-esponenti xi akkuza fis-sens li huma s-sidien ta’ din l-art, u lanqas setghet tigi dedotta tali akkuza ghaliex effettivament l-esponenti ma humiex is-sidien tal-art li dwarha nharget l-akkuza kontra taghhom. It-tieni akkuza titratta dwar allegazzjoni illi huma naqsu illi jobdu avviz biex tieqaf mahrug kontra taghhom; fil-waqt li t-tielet akkuza hija fis-sens illi naqsu jobdu l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` kompetenti.”**

Isegwu hames aggravji esposti u elaborati pjuttost fit-tul.

Kif inhu risaput, din il-Qorti tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta’ appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta’ dak li hu rikjest ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 419 imsemmi – ara f’dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et** App. Krim. 30/4/1990, **Il-Pulizija v. Joseph Tabone** App. Krim. 14/9/2007, u **Il-Pulizija v. George Galea** App. Krim. 15/2/2008. Din il-Qorti, pero`, ma tistax iggebbed il-ligi b’tali mod li tispicca tmur kontriha u kontra kif l-istess ligi

giet kostantement interpretata. Il-legislatur ikkommina n-nullita` fil-kaz ta’ karenza tal-fatti fil-qosor, tar-ragunijiet ta’ l-appell u tat-talba ghax dawn il-htigijiet huma essenzjali biex jiddelineaw il-konfini tad-dibattitu u jistradaw mill-ewwel fuq il-binariji korretti il-kawza fl-appell. Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija v. Robert Caligari Conti** App. Krim. 10/12/1996:

**“Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Gunju 1996 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Nicholas Mallia*, bil-fatti fil-qosor wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz, esposti b’mod car izda konciz, u b’tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu mal-ewwel jaqbdu x’inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk dawn il-fatti jkunu sparpaljati ‘l hawn u ‘l hinn b’mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom (ara *Il-Pulizija v. Emmanuel Bonnici* App. Krim. 5/10/1990) jew jekk ikunu maghguna mal-aggravji. Bhalma l-indikazzjoni ta’ l-aggravji ma tistax issir b’semplici referenza ghall-fatti (*Il-Pulizija v. Arthur Gatt* App. Krim. 6/9/1982), hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji, liema aggravji jistghu jkunu kemm fuq punti ta’ fatt kif ukoll fuq punti ta’ dritt, sostantiv jew procedurali.”**

(ara wkoll **Il-Pulizija v. Cornelius M. Scifo Diamantino** App. Krim. 5/3/1992 u **Il-Pulizija v. Joseph Said** App. Krim. 25/7/1994).

Fil-kaz in dizamina, ghalkemm hemm certament l-aggravji u t-talba kif trid il-ligi, ma jistax jinghad, mill-bran tar-rikors aktar ‘l fuq riportat, li l-appellanti esponew il-fatti tal-kawza. Dan il-bran semplicement jirrepeti l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti, allura imputati, quddiem l-ewwel qorti, u jghid ukoll biex ma gewx imputati. L-unika referenza fuggeska ghal xi fatt hi l-frazi “l-esponenti ma humiex is-sidien tal-art li dwarha nharget l-akkuza kontra taghhom”. Meta, kif wiehed jista’ josserva mhux biss mill-imputazzjonijiet kif dedotti izda anke minn ezami superficjali ta’ l-atti, hawn si tratta ta’ zvilupp ta’ barriera, permessi, applikazzjoni ghal

permessi, *stop and enforecement notice*, u pjanti u ritratti li gew ezibiti quddiem l-ewwel qorti, b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jew tar-regoli ta' l-ermenewtika legali ma jista' jinghad li l-imsemmija frazi "[titfa'] dawl dwar x'kien gara jew ma garax li ta lok ghal din il-kawza" (**Il-Pulizija v. Cornelius M. Scifo Diamantino** *supra*).

Konxji min-nuqqas fatali fir-rikors ta' appell taghhom, l-appellanti pprezentaw rikors fit-8 ta' Frar 2008 li fih, ghalkemm baqghu jsostnu li fir-rikors ta' appell taghhom tal-14 ta' Novembru 2007 hemm dak li jissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 419(1)(a), talbu l-inseriment ta' zewg paragrafi bil-fatti li taw lok ghall-kawza. Huma jinvokaw l-Artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri penali bl-Artikolu 520(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Din it-talba kjarament ma tistax tintlaqa'. Hawn ghandna rikors – dak ta' l-14 ta' Novembru 2007 – li huwa null *ex lege* u tali nullita` (li tajjeb li wiehed jghid hi materja ta' ordni pubbliku tant li tista' tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*) ma tistax tigi raggirata bl-espedjent ta' korrezzjoni fl-att in kwistjoni. Dak li hu null ma jistax jigi ravvivat billi jigi nvokat l-Artikolu 175 imsemmi. L-appellanti setghu, kieku riedu u qabel ma ddekorra t-terminu li fih kellhom jipprezentaw l-appell taghhom, jissostitwixxu r-rikors originali b'wiehed li jkun konformi ma' l-Artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali. Dan ma ghamluhx u ghalhekk it-talba maghmula bir-rikors tat-8 ta' Frar 2008 ser ikollha neccessarjament tigi michuda.

Ghall-motivi premessi, prevja li, kif inghad, tichad it-talba kif migjuba bir-rikors tat-8 ta' Frar 2008, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali fl-udjenza ta' l-4 ta' Jannar 2008, tiddikjara l-appell ta' Carmel Cauchi u Michael Cauchi irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Il-perjodu operattiv ta' sena ghall-finijiet ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 jibda jiddekorri mil-lum. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghas-subartikolu (8) ta' l-imsemmi Artikolu 28A.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------